MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 434/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Paulie Hannah Bettina**
**[ID. Nru. 59242A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-19 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erba' mija u erbatax-il euro u hamsa u erbghin ċenteżmi ta' euro [€414.45c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' erba' mija u erbatax-il Eurou hamsa u erbghin ċenteżmu (€414.45) in konnessjoni ma' 79372323 (AC40184775), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 5 t'Ottubru 2011.

Illi s-somma ta’ elf sitt mija u ghaxar ewro u tnax-il ċenteżmu [recte: erba’ mija u erbatax-il Eurou hamsa u erbghin ċenteżmu] (€414.45) fuq indikata hija komposta minn mitejn u hmistax-il Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu (€215.45) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma mija disgha u disghin ewro (€199) dovuti bhala penali skont il-kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument B.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 595/13 u bl-imghaxijiet mit-13 ta’ Marzu 2013, datat tal-imsemmija ittra ufficjali”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fl-1 ta’ Awwissu, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u erbatax-il euro u hamsa u erbghin ċenteżmi ta’ euro [€414.45c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------